**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum l-Hamis, 15 ta' Dicembru, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 43/2013JVC**

**Judy Camilleri**

**Vs**

**Adam Daniel Debrincat**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li ppremettiet:-

1. Illi nhar l-erbgha (4) ta' Awissu elfejn u hdax (2011) waqt li r-rikorrenti kienet fuq id-dghajsa bl-isem ta' Wieq, Valletta misjuqa mill-konvenut Adam Daniel Debrincat fil-Blue Lagoon, Kemmuna, Ghajnsielem, Ghawdex gie kkagunat incident kif ser jigi spjegat matul it-trattazzjoni tal-kawza u li in konsegwenza tieghu l-attrici soffriet debilita';

2. Illi dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenut Adam Daniel Debrincat kif ser jirrizulta wkoll matul it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi in konsegwenza ta' dan l-incident u sabiex tikkura lilha nnifisha, l-attrici soffriet diversi danni u telf ta' qligh kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lil Adam Daniel Debrincat bhala responsabbli ghall-incident imsemmi;

2. Tiddikjara li Judy Camilleri sofriet debilita' u dan prevja il-hatra ta' esperti u periti medici biex jistabilixxu l-persentagg ta' debilita' ta' l-imsemmija Judy Camilleri;

3. Tillikwida l-ammont tad-danni kollha ingenti u konsegwenzjali sofferti minn Judy Camilleri bhala *damnum emergens* u kif ukoll tillikwida l-ammont dovut bhala *lucrum cessans* ta' l-istess Judy Camilleri skont il-kaz u kull dannu iehor relatat u konsegwenzjali ghal dan l-incident;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont hekk likwidat

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja u l-ittra ufficjali tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju elfejn u tlettax (2013) u bil-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Adam Daniel Debrincat li eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident mertu tal-kawza ma sehhx tort tal-esponenti izda tort tal-istess Judy Camilleri;

Illi infatti meta sehh l-incident, id-dghajsa tal-esponenti kienet mitfija u kienet l-attrici li qabel qabzet fil-bahar ma esploratx l-inhawi tal-madwar u ma uzatx id-diligenza mehtiega;

Illi minghajr pregudizzju ghal premess kwalunkwe danni sofferti minn Judy Camilleri jridu jigu debitament pruvanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-affidavits, xhieda, dokumenti u l-provi kollha fl-atti nkluz l-atti tal-kawza kriminali Il-Pulizija vs Adam Daniel Debrincat deciza nhar l-erbgha (4) ta' Ottubru, elfejn u sittax (2016);

Rat in-nomina u r-rapport tal-espert mediku Dr. Massimo Abela;

Rat illi fil-verbal tat-tletin (30) ta' Gunju, elfejn u sittax (2016) l-kawza giet differita ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet tal-konvenut filwaqt li l-attrici ma prezentat l-ebda sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawza dwar incident li gara fil-bahar, precizament fl-inhawi ta' Kemmuna fejn l-attrici ssostni li wara li kienet fuq id-dghajsa bl-isem 'Ta' Wieq' misjuqa mill-konvenut Adam Daniel Debrincat hija sofriet debilita' permanent konsegwenti tal-istess. Id-debilita' permanenti kif certifikata mill-espert meditu Mr. Massimo Abela ghal persentagg ta' 2% (fol. 175 et seq) hija rizultat ta' daqqa ta' skrun ta' mutur tal-*ispeed boat* tal-konvenut ma' sieq l-attrici fejn l-ghaksa. L-attrici ssostni li t-tort tat-daqqa li hija hadet mill-iskrun f'saqajha kienu l-azzjonijiet tal-konvenut li skont hi rriversja fuqha.

Il-konvenut Adam Daniel Debrincat jichad il-pretensjonijiet kollha tal-attrici stante li jsostni li l-incident sehh unikament tort u htija tal-istess attrici li ma uzatx id-diligenza mehtiega meta ghazlet illi tghum vicin hafna mal-iskrun tal-mutur tal-*ispeed boat* tieghu fil-hin li skont il-konvenut il-mutur kien mitfi.

Illi bhala parti mill-provi odjerni gew esebiti wkoll l-attti kolha tal-process kriminali kontra l-konvenut fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Adam Daniel Debrincat** nkluz id-decizjoni fil-konfront tieghu li ggib id-data tal-4 ta' Ottubru, 2016 fejn jirrizulta li ghar-ragunijiet moghtija fl-istess

decizjoni, fil-kamp penali fejn l-oneru ta' prova sabiex tinstab htija fuq il-konvenut huwa ferm aktar rigoruz mill-kamp civili, l-konvenut gie liberat mill-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu (fol. 319).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-Qorti odjerna, filwaqt li d-decizjoni per se tal-Qorti Kriminali hija kompleament separata u ma timpingix fuq id-decizjoni tal-Qorti odjerna, din il-Qorti tqis li l-fatt li gie anness dan il-process ipoggiha f'vantagg stante li ghandha l-verzjonijiet tal-partijiet moghtija aktar minn darba quddiem qrati diversi apparti l-versjonijiet kif moghtija lill-Pulizija *a tempo vergine.* Fil-kaz odjern dan huwa importanti stante li z-zewg partijiet qed jaghtu versjonijiet kompletament opposti dwar kif sehh l-incident w'ghalhekk it-talba attrici tiddependi ferm fuq il-kredibilita' tal-partijiet u tax-xhieda mressqa.

Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-konvenut ghandu l-permessi kollha mehtiega biex jopera l-attivita ta' *watersports* fuq il-bahar tant li kopja taghhom ukoll gew prezentati fl-atti (fol. 78 et seq). Jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut f'diversi partijiet fl-atti li huwa ilu jaghmel dan ix-xoghol mis-sena 2008 u li qatt ma kellu incident. Jirrizulta wkoll li xoghol il-konvenut Debrincat huwa li joffri s-servizzi tieghu f'Kemmuna billi jaghmel *rides* qosra bid-dghajsa tieghu bl-isem ta' WIEQ u maghha jkun hemm marbut sufan tal-plastik jew xi haga ohra simili u li fuqu jkun hemm in-nies. Is-sufan ikun marbut mad-dghajsa permezz ta' habel. A fol. 239 tal-process gie esebit ritratt ta' sufan simili ghal dak li jintuza mill-konvenut filwaqt li a fol. 240, 244, 245 u 246 gew esebiti ritratti tad-dghajsa tal-konvenut. Il-konvenut fix-

xhieda tieghu spejga izda li l-habel li jidher imdawwar mad-dghajsa tieghu fir-ritratt a fol. 240 ma jintuzax meta jkun xoghol Kemmuna u jintuza biss meta huwa jkun fuq xoghol fejn ma jkunx hemm moll armat fejn jitrakka.

Illi l-allegat incident sehh nhar l-erbgha (4) ta' Awwisu, elfejn u hdax (2011) fil-bahar tal-Blue Lagoon f'Kemmuna u dan wara nofsinhar. Jirrizulta lil din il-qorti li hemm uhud mill-fatti li l-partijiet jaqblu fuqhom kif isegwi:

(i) Illi l-konvenut flimkien mal-observer tieghu Joseph Grima kienu xoghol gewwa Kemmuna u kellhom bosta xoghol minn fuq il-moll. F'hin minnhom l-attrici Judy Camilleri u shabha minn fuq id-dghajsa ferm akbar (ritratt a fol. 241 tal-process) li kienu fuqha ghajtulhom u nfurmawhom li xtaqu jaghmlu is-'sofa-ride'.

(ii) Il-konvenut dam ftit biex mar ghall-attrici u shabha ghaliex l-ewwel heles lin-nies li kellu fuq il-moll. X'hin lesta ghabba lill-attrici Judy Camilleri u tliett shabha minn fuq d-dghajsa taghhom bl-isem ta' Miema Boat Service u li kienet tinsab f'nofs il-bahar. Il-procedura li giet uzata biex huma telghu fuq id-dghajsa u konsegwentement fuq is-sufan kienet billi l-konvenut resaq vicin id-dghajsa taghhom filwaqt li l-attrici u shabha bl-ghajnuna tieghu u tal-*observer* billi zammewlhom idejhom qabzu direttament ghal gewwa d-dghajsa tal-konvenut. L-attrici u shabha inghataw il-ggieget tas-salvatagg u rikbu fuq is-sufan.

(iii) Id-dawra bid-dghajsa bl-attrici u shabha fuq is-sufan damet madwar ghaxar minuti. X'hin spiccat il-konvenut dejjem fil-prezenza tal-*observer* Joseph Grima dahal lura fil-Blue Lagoon bid-dghajsa thares lejn il-moll biex inizzel lill-attrici u shabha minn fuq il-bahar direttament ghal gol bahar sabiex ikunu jistghu jitilghu mas-sellum tad-dghajsa li kienu fuqha huma.

Jirrizulta li huwa minn dan il-mument il-quddiem li l-partijiet ma jaqblu xejn bejniethom dwar x'gara. Il-Qorti ghalhekk tqis li ghandha tirraporta f'din id-decizjoni l-partijiet saljenti tax-xhieda tal-attrici u shabha li xehdu fl-atti tal-kriminal kif ukoll tal-konvenut u l-*observer* Joseph Grima.

Illi da parti taghha l-attrici ssostni li l-konvenut qalilhom biex jaqbzu minn fuq is-sufan u ftit wara li qabzet hija hasset bhal ilma jdur ma saqajha u daqqa ma saqajha tant li kien l-istess konvenut li staqsiha dwar saqajha ghalkemm ma hemmx qbil dwar il-kliem ezatt uzat minnu. Tghid li dak il-hin ma ndunatx bil-gravita' tad-daqqa f'saqajha, ghomot u telghet fid-dghajsa u minn hemmhekk ittiehdet ic-Cirkewwa u giet l-ambulanza li haditha l-isptar.

Il-partijiet saljenti tax-xhieda tal-attrici Judy Camilleri dwar kif sehh l-incident huma kif isegwi:

A fol 18 et seq tinsab l-ewwel versjoni moghtija mill-attrici lill-pulizija fl-Isptar Mater Dei stante li jirrizulta li l-Pulizija fl-ebda mument ma marru fuq il-post tal-incident:

'At around 16:00 hrs the ride was over and pfr (l-attrici) and her friends were instructed to get off from the sofa, by the driver of the speedboat (a fol. 110 PS 65 Noel Said jixhed li l-kelma ezatta li qalet l-attrici kienet 'jaqbzu minn fuq is-sufan'). Pfr together with her friends jumped from the 'sofa' into the water, and shortly afterwards Judy Camilleri the pfr, felt something at her leg, but did not notice what had happened.

The driver of the speed boat immediately spoke to pfr and told her that he had hit her leg with the propeller of his speedboat. Upon being told so, she took out her leg from the water and noticed that she had a cut on her leg. After the whole incident, pfr returned together with her friends on the same boat which took them to comino in the morning, to Cirkewwa.'

Nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, elfejn u tnax (2012) l-attrici tat ix-xhieda taghha fil-proceduri kriminali fejn fil-partijiet saljenti tax-xhieda taghha intqal kif isegwi (fol. 85 et seq):

'Judy Camilleri:
Dan waqaf ftit metri l-boghod mil-lanca taghna u qalilna tistghu taqbzu ghax ir-ride hija lesta. Ahna smajna minnu u qbizna. Kif se nibdew naqdfu l'gewwa ghal fuq il-lanca taghna hassejt bhal ilma jdawwar mieghi u bhal xi haga nnokkjat ma' sieqi. Jien ma tajtx kaz pero' Adam qam u pponta subghajh lejja. Kien jaf vera li jiena.

Qorti:

Kemm kontu fil-bahar dak il-hin?

Judy Camilleri:
Erbgha. . .fl-istess roqa . .

Qorti
U kemm waqqafkhom il-boghod mil-lanca?

Judy Camilleri:
Le kwazi kwazi mal-lanca stess, le mhux, mal-lanca taghna kien hemm ftit. Kellna nghumu ghaliha. Ma tieghu konna ghax hu s-sofa gibdu l-gewwa, rabat mad-dghajsa tieghu stess u qalilna biex naqbzu. Ahna bdejna naqdfu ghal-lanca taghna u hassejt bhal ilma jdur mieghi u xi haga tinnokka.

Qorti:
Ma' saqajk.

Judy Camilleri:
Iva. Adam qam minn bil-qeghda, kien fuq l-isteering u qalli lilek ilqattek ghax ersaqt lura. U jien ghidtlu b'daqshekk ghax ilqatni. Ma bsartx x'ghandi f'sieqi. Adam baqa jistenna bil-wieqfa u jien bhal speci ghollejt sieqi fejn hassejt id-daqqa . . . Dan Adam qalli niehdok l-Isptar ta' Ghawdex. Offrieli. Jien dak il-hin ippanikjajt. Naf li ghandi t-tifel fuq il-lanca. Ghidtlu nipreferi mmur l-Isptar ta' Malta u naf li ghandi deputy li tista' tiehu hsiebi u twaqqaflu d-dmija. Dak il-hin ma tajtx kaz

aktar, kien hsiebni nasal fuq il-lanca ghax kont naf x'ghandi f'saqajha u tlajt. Ma ridtx inhares ghax naf li kienet daqxejn gravi. . . . .

Qorti:

Kemm mumenti wara li int qbizt minn fuq dan is-sufan ghal gol-bahar illi s-Sinjur, l-imputat qallek li kien laqtek? Kemm kien ghadda hin?

Judy Camilleri:

Le ftit sekondi ghax jien kont diga bdejt naqdef, hassejt dak l-ilma jdur mieghi u daqshekk saret in-nokkjatura.

Qorti:

Xi trid tfisser meta tghid thoss l-ilma jdur mieghek?

Judy Camilleri:

Ehe, hassejt hafna ilma jdur qabel ma' hassejt id-daqqa.'

A fol. 99 et seq nhar il-31 ta' Jannar, 2012 xehdet Agnes Edwards fl-atti kriminali u li kienet mal-attrici fil-hin li sehh l-incident. Fil-partijiet saljenti tax-xhieda taghha tghid kif isegwi:

'Xhud:

Morna dorna jigifieri d-dawra u kif wasalna fejn l-ispeed boat, fejn il-lanca taghna, ma waqqafiex l-ispeedboat mal-lanca kif irkibna, qed tifhem. Dan qalilna naqbzu. U Judy kienet fit-tarf l-iehor. U qabzet u hu irriversja.

Qorti:

Inti rajtu jirriversja?

Xhud:

Iva mela.

Qorti:

Kemm irriversja Sinjura? Bejn wiehed u iehor, Metru, nofs metru?

Xhud:

Irriversja metru nahseb, metru u kwart.

Qorti:

Jista' jkun aktar?

Xhud:

Ma nafx ezatt, ma nafx. Ma qadtx noqghod nikkalkula. Imma mhux ftit. Irriversja naqra. U qabzet.

Qorti:

Dak il-hin li kien qed jirriversja, Judy 'l fejn bdiet thares?

Xhud:

Mhux fil-bahar ghax hu

Qorti:

Le. Inti taf jekk kinitx thares lejn

Xhud:

Lejn dik in-naha ghax hemm hekk konna.

Qorti:

Lejn fejn kien Adam?

Xhud:

Le.

Qorti:

Ma kinitx thares lejh?

Xhud:

Jekk hi se taqbez il-bahar mhux ser thares lejh. Nassumi li se thares lejn il-bahar. Qed tifhem. Issa hija qabzet, ghax hi kienet fuq in-naha l-ohra u jien kont mhux fit-tarf imma fuq in-naha l-ohra, em qabzet, u hu stess qalilha jaqaw ilqatlek saqajk?

Qorti:

Smajtu jghidilha hekk?

Xhud:

Mela, mela. Qabzet hi u qaltlu nahseb ta' ghax dak il-hin qalilha ghax ghax ghadni kemm sinnejt l-iskrun. . . . . Hi ma tatx kaz ghax fil-bahar qisek, imma kif telghet fuq il-lanca taghna beda niezel . . u bl-ilma u

hekk qed tifhem kien hemm hafna demm. Jien qbizt l-ahhar wahda ghax dak il-hin lanqas naf kif hassejtni. Qbizt l-ahhar wahda u minflok qbizt minn din in-naha qbizt minn naha l-ohra ghax bzajt li ser jolqot lili wkoll u mort.

Fis-16 ta' April, 2013 (fol. 144 et seq) fl-atti kriminali xehed l-ispettur Josric Mifsud (li aktar tard kkonferma li huwa kien kellem lill-attrici permezz tat-telefon biss - fol. 170) u li din kienet qaltlu kif isegwi:

'li kienet qieghda fuq dghajsa illi kienu krew Kemmuna u fil-fatt wara li kienu marru dawra b'din id-dghajsa x'hin qabzet minn fuq id-dghajsa li skont jekk m'inhiex sejjer zbaljat kien qallhom is-sewwieq tad-dghajsa, lilha kien laqtha bl-iskrun peress li kien xehel id-dghajsa waqt li kienet qieghda hemmhekk.'

Fol. 26 et seq Judy Camilleri fix-xhieda datata 15 ta' Jannar, 2015 tghid kif isegwi:

'Wara ftit waqqafna ftit 'il boghod mil-lanca mhux hazin u qalilna nistghu naqbzu l-bahar ghax ir-ride lesta. Ahna l-erbgha (4) qbizna, ftit tal-hin wara li kont gol-ilma hassejt hafna ilma jdur mieghi u xi haga tinnokkjali mal-ghaksa ta' sieqi. Adam qam jigri minn fuq l-isteering, ipponta subajh lejja u qalli '"lilek ilqattek,' jien 'ghidtlu b'daqshekk imbilli lqatni," sadattant jien ma kontx naf x'ghandi, u Adam speci baqa' jhares lejja bhal speci, hekk qisu qed jistenna xi haga, u ghollejt sieqi fejn hassejt id-daqqa, u nara l-laham miftuh u bl-ghadma ta' sieqi barra. Dak

il-hin Adam qalli 'bilfors jigrilek hekk,' qalli 'ghax l-iskrun jiena nsinnu.' Qalli 'ejja ha ntellghek u niehdok l-isptar ta' Ghawdex."

Dak il-hin ippanikjajt ghax jiena kelli tifel dak iz-zmien kien ghad kellu eleven (11), u ghedtlu "le," ghedtlu "nippreferri mmur l-isptar ta' Malta.," ma xtaqtx inhalli tifel fuq lanca, prattikament in-nies ma jafhomx. Ghomt sal-lanca li kont maghhom, bdejt nghid lil shabi biex iwarrbuli biex jitla' jiena l-ewwel, ghidtilhom "ghax weggajt" u kif tlajt din d-deputy li kienet tahdem maghna fit-Theaters giet tarali sieqi . . . .

Il-Qorti:
X'rajt inti, kienet mixghulha, kienet mitfiha, x'kienet?

Judy Camilleri:
Mixghulha kienet zgur. Jiena kont gol-ilma, hassejt l-ilma jdur mieghi u hassejt daqqa, Adam qalli li bilfors grali hekk ghax hu saq lura . .

Il-Qorti:
U fi xhin qbiztu l-bahar d-dghajsa kienet mixghulha jew mitfiha?

Judy Camilleri:
Iva mixghulha, id-dghajsa fl-ebda hin ma kienet mitfiha minn xhin tlajna sakemm inzilna. . . .

Il-Qorti:
U kemm kont lhaqtu ghomejtu 'l boghod mill-ispeed boat?

Judy Camilleri:

Le, mhux hafna, sempliciment qbizna, tlajna minn taht l-ilma ghax tkun ghadek tiela' mill-qabza, kif ha nibdew naqdfu u nqtajna bicca beda gej dan l-ilma jdur maghna u saret in-nokkjatura.

Il-Qorti:

U inthom qbiztu minn fuq dan is-sufan?

Judy Camilleri:

Iva. . . . .

Ehe, dan ftit sekondi li kien hemm ghax ahna qbizna l-bahar, kif qeghdin nghumu biex ha mmorru ghal-lanca taghna sar dak il-moviment tal-ilma li mbaghad hassejt id-daqqa.

Avukat:

Jigifieri jekk ikollox taghti ammont ta' sekondi, kemm?

Judy Camilleri:

Ten (10 ) to fiteen (15) seconds.

Qorti:

Ara, ara nzilt taht, inti qbizt?

Judy Camilleri:

Qbizt, inzilna taht l-ilma bil-qabza.

Il-Qorti:

Tlajtu, inziltu taht l-ilma, tlajtu?

Judy Camilleri:

Tlajna fil-wicc tal-ilma.

Il-Qorti:

U bdejt tghumu?

Judy Camilleri

U bdejna nghumu iva.

Il-Qorti:

Bdejtu tghumu, bdejtu mexjin lejn id-direzzjoni tad-dghajsa?

Judy Camilleri:

Iva. Iva. ma kienx hemm, ifhimni, xi distanza enormi, pero' iva bdejna nghumu konna.

Il-Qorti:

Jigifieri mbaghad imxiet, l-ispeedboat imxiet?

Judy Camilleri:

L-ispeedboat imxiet lura iva.'

Fil-kontro-ezami tal-attrici Judy Camilleri ( a fol. 217 et seq) li sar nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar, elfejn u sittax (2016) fuq mistoqsija

specifika li saret lill-attrici jekk l-erbgha li kienu fuq is-sufan qabzux f'daqqa hija tirrispondi:

'Presso o poco kollha flimkien. Ifhimni, ma nistghux naghmlu one two three four, u naqbzu l-erba (4) kollha f'daqqa, ovvjament wahda wahda, imma fl-istess hin qbizna. . . . ma kienx hemm gap . .

Avukat:
Jigifieri fi x'hin kont gol-ilma inti, l-ohrajn kienu gol-ilma wkoll?

Xhud:
Kienu mieghi, iva.

Avukat:
Jigifieri Agnes Edwards, per ezempju, waqt li inti kont qed tghum, kont fil-bahar, kienet fil-bahar diga?

Xhud:
Iva.'

Dwar x'kien qed jaghmel il-konvenut mad-daqqa li hasset f'saqajha l-attrici ma tibqax daqshekk certa li kien bilqieghda mal-isteering izda tghid (fol. 218 et seq):

'Jekk ma kienx bilqieghda kien jidher fuq l-isteering, ovvjament mhux ha noqghod nara jekk Adam hux bil-qeghda jew qieghed bil-wieqfa . . . imma telaq l-isteering minn idejh, dak il-hin u gie jghidli, ipponta

subghajh lejja, li laqghat lili.  Kien cert li laqghat lili.. . . ehe, mhux jien ghidt li laqghatni, hu qal li laqghatni . . .

Avukat:

 . . . Jigifieri, inti, fl-ebda mument ma' gbidtlu l-attenzjoni illi saqajk laqtet lis-skrun?

Xhud:

Le

Avukat:

Kien Adam li gibidlek l-attenzjoni.

Xhud:

Iva, ghax jien kulma hassejt, qed nghidlek, nokkjatura li ma mmaginajtx kif kienet gol-ilma.

Avukat:

Allura Adam, kif, jekk inti saqajk kienet gol-ilma, Adam, kif kien jaf li laqtek?

Xhud:

Tista' ddur u ssaqsi lilu sabiha.

Avukat:

Le lilek qed insaqsi.

Xhud:

Le qalbi, mela jien kont fuq l-isteering ta' Adam? '

Mistoqsija wkoll in kontro-ezami jekk harsitx fejn il-konvenut saq jekk hux lura jew il-quddiem a fol. 221 tghid li le. A fol. 224 tghid:

'Meta qbizt jiena, ma kien hemmx, kien hemm distanza iktar. Biss biss, kien hemm id-distanza tas-sofa meta qbizt jien, lis-speed boat ta' Adam, is-sofa u jien qbizt. Mela sakemm jiena ghomt dik il-gap zghira, xi haga gara li d-dghajsa resqet lejjha.

Avukat:
Jigifieri allura inti, imma sinjura, inti ma kontx qed tara dawn il-moviment ghax inti wiccek kien lejn in-naha l-ohra.

Xhud:
Le. Iva.

Avukat:
Sewwa, issa inti allura, inti kont qeghda, issa apparti din il-kwistjoni tal-irriversjar, inti skont int, allura kont qeghda fuq in-naha ta' wara tad-dghajsa ta' Adam?

Xhud:
Mhux bilfors! Mhux minn hemm gielna naqbzu! . . .

Avukat:
U skond int, kemm irriversja lura?

Xhud:

M'ghandix idea. Jien kont qed nghum wicci l-quddiem, mhux wicci lura.

Avukat:

Inti l-azzjoni ta' din ir-reverse, ma rajthiex?

Xhud:

Pero saret, ghax ma jistax ikun li d-dghajsa resqet wahedha, minn dik id-distanza kollha imbaghad sibtha hdejjha u hassejt in-nokkjatura.'

A fol. 231 et seq l-attrici tkompli telabora kif isegwi:

'Avukat:

Sinjura Camilleri, milli tiftakar inti, il-mutur, il-hsejjes tad-dghajsa, kienu qed isiru l-hsejjes?

Qorti:

Apparti l-ilma ma saqajk, smajt xi haga?

Xhud:

Iva, il-mutur ma ntefa fl-ebda hin tad-dghajsa.

Avukat:

Il-mutur ma ntefa fl-ebda hin.

Xhud:
Le. Fl-ebda hin. La x'hin tlajna, la x'hin inzilna u lanqas x'hin nizzel lil ta' qabilna. Fl-ebda hin ma ntefa.

Avukat:
A dan ghalfejn, jigifieri, kif tista tghidu?

Xhud:
Ghax thoss il-vibration tal-magna. Ahna dghajsa kellna qabel, jigifieri.'

Nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju, elfejn u hmistax (2015) l-attrici tat ukoll il-verzjoni taghha lill-espert mediku u dwar kif sehh l-incident qaltlu kif isegwi (fol. 177 et seq):

'Wara li hadhom dawra, is-sewwieq, waqaf f'nofs ta' bahar, talabhom il-gkieket u qalilhom jaqbzu l-bahar. Meta kienet fl-ilma qaltli li hasset bhal ilma jdur maghha u ftit wara hasset daqqa b'xi haga mal-ghaksa tal-lemin. Is-sewwieq tad-dghajsa qam jara x'gara, ipponta subajh lejha, u qalilha li kien laqatha bid-dghajsa. Fitt sekondi wara ndunat li kellha ferita fuq in-naha ta' barra tal-ghaksa tal-lemin.'

Dwar x'gara mix-xoghol taghha wara l-incident hija qalet lill-espert mediku kif isegwi:

'Ftit wara l-incident irrizenjat mill-impjieg taghha ta' *Care Worker,* l-Isptar Mater Dei, ghax hasset li mhux se tkun kapaci tkompli fuq dak ix-

xoghol. Xahar wara l-incident bdiet impjieg gdid ma A.W.A.S. bhala *support worker*. Ghadha fl-istess impjieg sal-gurnata ta' llum.'

A fol. 199 et seq xehed ir-ragel tal-attrici Godwin Camilleri in kontro-ezami fejn mistoqsi diversi drabi ghalfejn huwa xehed li martu damet aktar minn xahar ma tahdimx filwaqt li hija lill-espert mediku qaltlu li damet xahar jibqa jinsisti ghal diversi drabi li zgur li hija damet aktar minn xahar ma tmurx ghax-xoghol mid-data tal-incident tant illi f'mument minnhom meta mistoqsi mill-avukat tal-konvenut b'certu rabja jirrispondi kif isegwi:

'Ha niftiehmu, mieghek ma qed naqbel f'xejn, jien.' (fol. 207)

A fol. 222 tal-process l-attrici in kontro-ezami, dwar il-kwistjoni ghalfejn hija biddlet ix-xoghol stante li sa dak in-nhar kienet baqghet dejjem issostni li biddlet ix-xoghol biex tnaqqas l-istrapazz ghax baqghet kapaci taghmlu, f'daqqa wahda tiftakar li qabel l-incident kienet gia applikat ghal xoghol gdid kif isegwi:

'Kont bis-sick leave. Pero, imbaghad waqaft mis-sick leave, ghamilt zmien wieqfa. All right? Ma kienx twil il-perjodu, ghax jiena, ftit zmien qabel kont ghadni kif ghamilt l-ezamijiet mal-agenzija li qieghda issa, u sadanittant li kelli l-accident, cempluli li huma accettawni fix-xoghol il-gdid.'

Fl-istess xhieda terga tikkonferma li ghamlet xahar barra mix-xoghol u b'hekk tikkontradixxi dak li xehed ir-ragel taghha stess.

Dan jevidenzja lill-Qorti li gara jew ma garax l-incident, l-attrici xorta wahda kien behsiebha tbiddel ix-xoghol taghha. A fol. 255 tal-process gie esebit dokument mir-rapprezentat tal-ETC Marcell Tabone li jikkonferma li l-attrici bdiet fix-xoghol il-gdid nhar il-hamsa (5) ta' Settembru, elfejn u hdax (2011) u cioe' ezatt xahar wara li kellha l-incident.

Illi minn naha l-ohra l-verzjonijiet moghtija mill-konvenut Adam Debrincat kienu kif isegwi:

Fir-rapport tal-pulizija a fol. 19 fl-ewwel verzjoni li huwa ta jghid kif isegwi:

'yesterday the 04/08/2011 at around 16:00hrs . . . while he unloaded four female clients from a towable canvas air filled floating sofa which was resting on the left rear area of the stationary seacraft, and one of said persons accidentally injured herself whilst she was swimming next to his stationary seacraft most probably after she hit the stationary propeller. Debrincat alleged that he offered victim to transport her to mgarr harbour to call the assistance of the AFM Helicopter, but same refused as she was not bleeding. He even noted victins wimming to the shore and walking on the beach without any assistance.'

Konsegwenti ghal dak li qal il-konvenut fil-hamsa (5) ta' Awwisu, elfejn u hdax (2011), nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu, elfejn u hdax

(2011) ittiehdet ukoll stqarrija li tinsab esebita a fol. 72 et seq fejn fil-partijiet saljenti jghid kif isegwi:

'Dawn kienu erbgha fuqhu. Gbidt ghal mad-daghjsa. Nghid li l-habel li tkun marbuta bieh is-sufan jkun twil. Xhin gbitha mad-dghajsa tawni l-life jackets, u qabzu l-bahar. Wahda minhom kienet close mad-dghajsa u x'hin qed tghum, b'idejha u tferfer saqajha laqtet l-'iskrun b'saqajha. Nghid ukoll li l-mutur kien mitfi u l-iskrun jaqtha. Li kieku kien qed idur l-iskrun saqajha kien jaqtahielha barra zgur.
Jekk nghid li Camilleri qed tghid li int fil-fatt kont li lqatta meta ghamilt manuvra, x'ghandek xi tghid?

Mhux veru, zgur li mhux veru ghax hemm ma nistax nsuq. Nghid li ghandi xhud lil certu Joseph Grima li kien mieghi . . . nzid nghid li fuq kull naha tad-dghajsa ghandu l-istickers **Beware of propeller**. Nghid li dan l-incident ma setax kien impedut. Nghid li jien ndunajt li laqtet l-iskrun meta rajt il-mutur jiccaqlaq minn fuq il-mounting. Nghid li meta telghet fuq id-dghajsa taghha ma kienx hemm demm. Nghid li jien offrejtilha jew li nwassalha l-isptar Ghawdex jew li ngib il-helicopter.'

A fol. 236 permezz ta' affidavit prezentat nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar elfejn u sittax (2016) il-konvenut Adam Debrincat jiddeskrivi dak li gara nhar l-incident kif isegwi:

'Illi jien tfejt il-magna tad-dghajsa u gbidt il-habel tas-sufan ghal mal-genb tad-dghajsa, b'tali mod li s-sufan gie jmiss mal-genb tad-dghajsa. Wiehed jista jivverifika li d-dghajsa tkun mitfija mill-fatt li s–sound

jintefa awtomatikament malli tintefa l-magna. Infatti nispjega illi jien ikolli dak li nsejjhulu *kill switch.* Dan ikun qisu *cable* li jkun imqabbad fejn ic-cavetta tad-dghajsa fuq naha u mal-*pouch* li jkolli mdawwar ma zaqqi fuq naha ohra. Jekk il-*kill switch* jinqala minn mal-post fejn ikun imqabbad, allura awtomatikament il-magna tintefa. Issa dan il-cable tal-*kill switch* huwa pjuttost qasir allura jekk jiena ser naghmel movement zejjed id-dghajsa ser tintefa mill-ewwel. . . .

Illi n-nisa li kienu fuq is-sufan ghaddew il-*life jackets* lil observer imbaghad ghedtilhom li jistghu jghumu lejn id-dghajsa taghhom. Qabzu kollha l'bahar inkluz Judy. Pero' filwaqt li shabha qabzu minn naha ta' fejn kien l-iktar qrib ghad-dghajsa taghhom u qasmu bi dritt biex jitilghu fuq id-dghajsa taghhom, Judy marret tghum ghan-naha ta' wara tad-dghajsa u allura fid-direzzjoni opposta tad-dghajsa taghha. Jista jkun li riedet tghum ftit – ma nafx x'inhi r-raguni. F'hin minnhom pero rajt il-mutur jiccaqlaq minn fuq il-*mounting* u ndunajt li Judy li kienet ghaddejja ezatt wara d-dghajsa kienet laqtet il-mutur. Dak il-hin kont jien stess li gbidtilha l-attenzjoni li kienet ghadha kemm laqtet il-mutur u ghidtilha ticcekkja biex tara jekk wegghetx. Hi qalet li ma kienet qed thoss xejn. Jien insistejt u offrejtilha li nwassalha l-isptar Ghawdex jew li ngib il-helicopter izda hi ma riditx u baqghet tghum ghal fejn il-lanca taghhom, telghet is-sellum tal-lanca u rikbet il-lanca. Jien dak il-hin qabbat id-dghajsa u tlaqt minn fuq il-post u bqajna sejrin bi dritt ghal gol-blue lagoon.

Illi nixtieq nghid illi fuq kull naha tad-dghajsa jien ghandi l-istickers 'Beware of Propeller' u nichad li jien b'xi mod irriversjajt ghal fuqha

hekk kif qed tallega Judy Camilleri. Id-dghajsa kienet mitfija u jiena ma kelli l-ebda skop li nirriversja ghax jiena kont diehel ghal gol-blue lagoon u kont diehel bi dritt. Fil-verita kienet Judy li marret tghum qrib wisq tal-mutur u laqtet saqajja mieghu. Li kieku d-dghajsa kienet tabilhaqq miexja kieku saqajn Judy kienet tinqata barra u dana peress li l-iskrun ikun qed idur b'velocita' qawwija. Aparti hekk li kieku verament jien irriversjat id-dghajsa ghal fuqha zgur li d-dghajsa ser tghaggel iktar minn persuna li qeghda tghum u konna nispiccaw f'incident ferm aghar ghax id-danni kienu anke jkunu fatali.'

A fol. 259 et seq tal-process fil-kontro-ezami tieghu l-konvenut jerga jixhed kif isegwi:

'Id-dghajsa xhin wasalt lura biex inhotthom, irbatt is-sufan mad-dghajsa. Tlabthom il-life jackets, tfejt il-mutur jigifieri qabel, qabel kollox. U qabzu l-bahar hux in-nies. Id-dghajsa ma zammejthiex. Jien ma ersaqtx mad-dghajsa taghhom biex hottejthom. . . .

Avukat:
Sur Debrincat ghidtilhom minn fejn jaqbzu?

Xhud:
Le, ma ghidtilhomx.'

Dwar il-posizzjoni tal-iskrun tal-mutur il-konvenut jixhed illi facilment tahbat mieghu ghaliex ikun qisu zewg piedi taht il-wicc tal-bahar.

Mistoqsi jekk fil-mument li gie biex inizzel lill-attrici u l-shabha hu kienx il-hin kollu mal-isteering iwiegeb:

‘Le, irbatt, ma kontx il-hin kollu mal-isteering le. Jien x’hin wasalt il-Blue Lagoon, gbidt, mort wara tad-dghajsa, gbidt il-habel, irbatt wara, is-sufan irbattu mad-dghajsa wara u quddiem irbattu ma’ quddiem tad-dghajsa. Jigifieri ma kontx mal-isteering, le. . . .

Avukat:
. . .Issa dak il-hin, jigifieri inti nqlajt minn mal-isteering?

Xhud:
Xhin . . Mhux ovvja . . . Iva, ezatt nqlajt. . . . ovvja . . jekk qed nigbed is-sufan kif se nibqa’ mal-isteering. . . .

Avukat:
. . Allura jekk inhu inti kont maqlugh u kont qieghed naturalment tara l-ohrajn x’inhuma jaghmlu, kif indunajt illi Judy Camilleri laqtet l-iskrun?

Xhud:
Ghax il-mutur tharrek minn fuq il-mounting. Il-mutur outboard, dan l-outboard erba’ (4) lastkuwijiet ikollu, tnejn (2) fuq u tnejn (2) isfel. . . . u facilment jitharrek. Anke d-dghajsa x’hin taghmel hekk bil-mewg jigifieri, il-mutur jitharrek. Jien rajt il-mutur jitharrek. . . . . Jien assumejt li xi hadd laqtu. Naf li l-mutur mitfi jigifieri. . .

Qorti:

. . Jigifieri int qed tghid li l-mutur kien mitfi u xi hadd laqat saqajh ma' dan il-mutur,

Xhud:
Xi hadd laqat saqajh mal-mutur iva.

Qorti:
U ccaqlaq bid-daqqa li tah il-persuna.

Xhud:
Iccaqlaq mhux li ccaqlaq hafna, imma jiccaqlaq ftit hux. Jekk taghmillu hekk b'subghajk jiccaqlaq jigifieri.'

Mistoqsi direttament li huwa laqatha lill-attrici jirrispondi skjettement a fol. 263:

'Jien ma lqatthiex.'

Mistoqsi dwar kif jahdem il-*kill switch* a fol. 263 iwiegeb kif isegwi:

'Dan ikun marbut mieghi . . . mal-pouch jew ma' qaddi, skond x'inkun liebes dik il-gurnata. U dan ikun imwahhal mad-dghajsa. Jigifieri jien kif nitbieghed dan it-tul il-mutur ser jintefa' awtomatikament. U ma jistax jistartja qabel nerga' naghmel din il-bicca plastik.'

A fol 284 et seq il-konvenut jerga' jispjega kif sehh l-incident kif isegwi:

'Gbidt is-sufan u l-*observer* tieghi talabhom il-*life jackets* u huma qabzu l-bahar. U tlieta minnhom marru ghad-direzzjoni tad-dghajsa biex jitilghu u l-ohra ghar-raguni, ma nafx x'inhi r-raguni, marret l-oppost, marret ghan-naha ta' wara tal-mutur . . . u waqt li qieghda tghum laqtet saqajha mal-mutur, nissuponi mal-iskrun . . . jiena ma rajtx saqajha tahbat mal-mutur, jien rajt il-mutur jiccaqlaq minn fuq il-mountings . . x'hin rajt il-mutur jiccaqlaq rajt lil Judy mal-mutur u saqsejtha fil-fatt, ghidtilha, inti lqatt saqajk mal-mutur .. u hi qaltli, billi, b'daqshekk, m'hu xejn. U qghadt nistenniha ghax indunajt, inhasset fuq id-daqqa tal-mutur li laqtet saqajha mal-mutur. U kif telghet fuq id-dghajsa nara ferita ma' saqajha. Offrejtilha li ngibilha helicopter bhalma s-soltu naghmel jew nehodha l-Imgarr, Ghawdex bid-dghajsa u rrifjutat it-tnejn li huma. U startjajt id-dghajsa ergajt jiena u soqt 'il gewwa hu biex nghabbi l-vjagg li jmiss . . . . jigifieri din ghamlitha, Judy Camilleri ghamlet allegazzjoni li irriversjajt fuqha. Impossibbli irriversjajt fuqha ghax il-mutur mitfi kien . . Li qieghda tghid, ma stajtx nirriversja fuqha ghax il-mutur kien mitfi ghax jien rrid immur wara u rrid immur quddiem biex norbot is-sufan mad-dghajsa qabel inhotthom. It-tieni haga jekk vera irriversjajt fuqha kieku saqajha qtajthilha barra ghax ovvjament magna ta' mutur tghaggel hafna izjed minn persuna u ma kellix ghalfejn nirriversja ghax jiena 'l gewwa ridt nidhol, m'ghandix ghalfejn immur lura, ma kellix ghalfejn immur lura.'

A fol. 287 dwar jekk il-mutur kienx mixghul jew le x'hin qabzu l-bahar l-attrici u shabha l-konvenut jerga jikkonferma:

'Huma u shabha jigifieri, ma' xulxin qabzu l-erbgha li huma ghax huma erbgha kienu . . . Le mitfi kien.'

Mistoqsi allura kif l-attrici soffriet ticrita f'saqajha jirrispondi:

'ghax laqtet saqajha mal-mutur . . ahbat saqajk u tih daqqa ta' sieq b'bicca hadida, ara tiftahx sieqek . . Dik hekk ghamlet. . . . mal-mutur waqt li kienet qeghda tghum. Kienet tghum qrib il-mutur, ghar-raguni jien ma nafx ghaliex kienet qrib il-mutur.'

A fol. 289 jelabora u jixhed:

'li kieku kienet mixghula l-mutur ha jghaggel izjed minn persuna li qieghda fil-bahar, tnejn, l-iskrun idur xi elf dawra fis-sekonda, u tlieta, jekk bir-reverse l-persuna qieghda hawn u l-mutur qieghed hawnhekk jiena ha nqattagha, il-persuna ngibha bicciet. Din haga ovvja li ma irriversjajtx fuqha. Kieku irriversjajt fuqha kieku qtiltha lil din il-persuna, mejta, zgur, mija fil-mija. X'ha taghmel ma' skrun idur dak id-dawrien kollu?!'

A fol. 235 l-*observer* li kellu mieghu l-konvenut Joseph Grima fl-affidavit tieghu dwar kif sehh l-incident jghid kif isegwi:

'Illi bhalma jaghmel is-soltu, Adam tefa l-mutur tad-dghajsa, gibed il-habel tas-sufan u ressqu vicin tad-dghajsa. Naf zgur li d-dghajsa kienet mitfija ghax apparti li hija procedura normali li jitfi d-dghajsa malli tispicca r-*ride*, naf ukoll li intefa l-*istereo*. Infatti Adam mal-*pouch* ikollu l-

*kill switch*. Il-*kill switch* ikun imwahhal fejn ic-cavetta tad-dghajsa. Ghalhekk jekk il-*kill switch* jinqala minn mal-*pouch* li jkollu ma qaddu Adam, il-magna awtomatikament tieqaf u ghalhekk l-istereo jintefa. Peress li l-*kill switch* ma jkunx twil, jekkk wiehed jitbieghed ftit zejda, awtomatikament id-dghajsa ha tieqaf. Apparti hekk u peress li d-dghajsa ta' Adam ma ghandiex *seat* huwa jkun dejjem bil-wieqfa. Jekk ipoggi bil-qeghda l-magna ser tintefa ghax il-wrie tal-*kill switch* ma jlahhaqx. Nikkonferma ghalhekk li d-dghajsa kienet wieqfa.

Illi x'hin is-sufan gie biswit id-dghajsa, il-passiggieri ghaddewli l-*life jackets* u qabzu l-bahar. Waqt li jiena kont wicci l-isfel nirranga l-*life jackets*, smajt lil Adam jghid lil Judy li kienet ghadha kif laqtet saqajja mal-iskrun u offrielha l-ghajnuna pero' hi baqghet tghum u ma riditx li jehodha l-isptar. Ghalhekk kien f'dan il-mument u wara li Judy u shabha kienu telghu fil-lanca taghhom li Adam xeghel il-mutur u tlaqna minn fuq il-post.'

A fol. 276 et seq l-istess xhud jixhed in kontro-ezami u dwar id-dinamika ta' kif sehh l-incident jerga' jikkorrabora dak li jghid il-konvenut kif isegwi:

'Adam tefa' l-mutur, gibed is-sufan, rabat is-sufan u qabzu l-bahar biex jitilghu minn is-sellum tad-dghajsa . . . u filli u fil-hin Adam qalli "nahseb xi hadd laqat il-mutur tad-dghajsa. . . . ahna konna dehlin minn barra tal-Blue Lagoon ghall-gewwa, u d-dghajsa taghhkom kienet qisu mal-genb taghha, jigifieri din ahna 'l quddiem nibqghu sejrin ghal gol-gettie tal-Blue Lagoon . . . il-*kill switch* hija qisu habel hekk jorbtu mal-

pouch Adam, kif jitbieghed two (2) feet minn mal-*console* tad-dghajsa, minn fejn isuq, jitfi kollox, il-kurrent kollu . . . U Adam bilfors irid jersaq, biex jigbed is-sufan u jorbtu min-naha ta' quddiem bilfors trid timxi iktar minn two (2) feet.'

A fol. 301 et seq jerga jixhed u jerga jikkonferma u jikkolabora dak li xehed il-konvenut u mistoqsi f'liema mument il-konvenut jinqala minn mal-isteering jirrispondi kif isegwi:

'Xhin jieqaf ir-*ride* biex jigbed il-habel halli jkun jista' jorbot is-sufan mal-genb tad-dghajsa, qisu ma' nofs id-dghajsa, u jghin lin-nies jinzlu, jiena u Adam nghinu lin-nies jinzlu'

Mistoqsi kif jorbot is-sufan jirrispondi:

'Ghandu habel fuq wara l-ewwel jigbdu, jigifieri jrid jersaq mill-*console* lura, jigbed il-habel imbaghad jigbdu ghal mal-genb tad-dghajsa mbaghad jorbtu ghal mal-genb tad-dghajsa'

Mistoqsi x'hin jinqala l-konvenut biex imur jigbed il-habel jekk id-dghajsa jitfihiex dan ix-xhud jerga jikkonferma li iva. '

Jerga' jigi mistoqsi jekk waqt l-incident il-mutur tad-dghajsa kien mitfi jirrispondi:

'Kien mitfi ghax Adam ried jigbed il-habel – issa dak ghandu l-*kill swith* bhalma diga' ghidtlek, ma tistax titbieghed iktar minn zewg piedi tad-

dghajsa li ma tintefiex, two, niftakar li kienet mitfija ghax qeghed dejjem bis-sound system u s-sound intefa, kif jinqala' l-*kill swith* jintefa' kollox. B'hekk li naf. U hija procedura li dejjem . . Tismaghha dghajsa tahdem u dghajsa ma tahdimx.'

Mistoqsi jekk rax l-attrici x'movimenti ghamlet biex nizlet, korrettement jixhed li ma rax x'ghamlet l-attrici ghax kien qed ihares l-isfel.

Dwar il-kliem li ghaddha bejn il-konvenut u l-attrici mad-daqqa mal-iskrun jerga jixhed a fol. 308 kif isegwi:

'Qalilhom, 'Xi hadd laqat il-mutur?" qaltlu, "iva, jien, imma m'ghandi xejn." Qalilha 'Zgur? Ghax l-iskrun tieghi mhux qieghed mgherreq hafna gol-ilma." U qalilha, 'jekk ilqattu, dak jaqta' hafna." Qaltlu, "le, m'ghandi xejn." Imbaghad telghet fuq id-dghajsa u kellha daqxejn ta' ticrita. . . Adam offrielha, qalilha, 'Triq inwasslek l-isptar ta' Ghawdex jew ingib il-helicopter jew hekk?" Qaltlu, '"le", qaltlu, 'mghandi xejn."'

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi f'dan il-kaz partikolari din il-Qorti hasset il-bzonn li tirriproduci bosta mid-deskrizzjonijiet u xhieda tal-partijiet u xhieda ohra okulari stante li l-verzjonijiet tal-partijiet jikkonfliggu ferm bejniethom. Il-konflitt principali bejn il-partijiet huwa li l-attrici ssostni li l-mutur tad-dghajsa tal-konvenut kien mixghul x'hin huma nizlu minn fuq is-sufan u li sahansitra f'partijiet tax-xhieda taghha tallega li l-konvenut bilfors irriversja fuqha, filwaqt li l-konvenut jinsisti li l-mutur kien mitfi.

Ghalhekk huwa evidenti li dan il-kaz jibbaza ruhu kompletament fuq il-kredibilita' tal-persuni li xehdu fl-atti.

Illi wara li din il-Qorti gharblet sew, kelma b'kelma, x-xhieda kollha kontenuta fl-atti u anki rriportat f'din id-decizjoni dawk il-partijiet li tqis li huma ta' l-aktar rilevanza (minghajr ma pruvat taghmel xi rapport shih tax-xhieda) tqis li ghandha tirrileva l-punti li jsegwu:

1. Illi x-xhieda tal-attrici max-xhud okulari l-ohra Agnes Edwards hija konfliggenti ferm u dan stante li l-attrici baqghet dejjem tinsisti li hi u shabha qabzu flimkien jew almenu immedjatament wara xulxin u li kien wara li qabzu kollha li sehh l-incident filwaqt li Agnes Edwards sostniet li l-incident sehh qabel ma hija qabzet u li hi sahansitra bezghet taqbez wara li rat dak li sehh. Il-Qorti tqis li l-verzjoni ta' Agnes Edwards ma ghandha xejn mill-verita anki ghaliex kontradetta mill-istess attrici, mill-konvenut kif ukoll mix-xhud okulari Joseph Grima li lkoll ikkonfermaw li l-erbat' ihbieb qabzu f'daqqa! Jibqa ghalhekk ix-xhieda tal-attrici, tal-konvenut u x-xhud okulari Joseph Grima;

2. Illi l-Qorti nnutat certu varjazzjonijiet fix-xhieda tal-attrici mill-ewwel verzjoni li hija tat lill-Pulizija immedjatament mal-incident sa meta giet biex tixhed fil-Qorti Kriminali kif ukoll fil-Qorti odjerna. Fil-fatt il-Qorti nnotat illi mal-ewwel verzjoni l-attrici mkien ma ssemmi li l-konvenut kellu l-mutur tad-dghajsa mixghul jew li dan irriversja fuqha, ssemmi biss li hasset xi ilma jdur maghha. Aktar tard fil-proceduri l-attrici tibda tallega li l-konvenut kellu l-magna mixghula u li l-konvenut irriversja fuqha izda f'partijiet tax-xhieda taghha riportata aktar il-fuq hija

tammetti li qed tassumi li l-mutur kien mixghul u li l-konvenut kien qed jirriversja ghaliex fi kliemha hekk biss seta' jilhaqha u jolqotha!

3. Illi izda l-assunzjonijiet tal-attrici li l-mutur kien mixghul tad-dghajsa u li rriversja fuqha huma kontradetti ferm mix-xhieda tal-konvenut innifsu li tista' tghid zamm skjettement mal-verzjoni tieghu moghtija l-ewwel darba lill-Pulizija, u fl-istqarrija tieghu sal-ahhar ta' dawn il-proceduri. Sahansitra fl-ewwel versjoni fejn kien ghadu ma jafx li l-attrici kienet qed tallega li l-mutur kien mixghul, il-konvenut stqar mill-ewwel li l-mutur kien mitfi. Huwa dejjem sostna li l-mutur kien mitfi u ta spjegazzjoni ferm dettaljata ghaliex ma jistax ikun li l-mutur kien mixghul u dan billi diversi drabi spjega l-procedura ta' kif jahdem fil-mument li *ride* tkun spiccat u l-fatt li bil-*kill switch* marbut mieghu ma jista' qatt ikun li l-mutur ikun mixghul filwaqt li huwa qed jorbot is-sufan mad-dghajsa biex inizzel in-nies. Hija l-istess attrici li tikkonferma li kien il-konvenut li gibed u rabat s-sufan mal-'ispeed boat' b'dana li bilfors kellu jitlaq minn fejn l-*isteering* u jitfi d-dghajsa. In oltre spjega li la huwa kien sejjer il-quddiem huwa qatt ma kellu raguni ghalfejn jirriversja u wkoll illi kieku l-mutur kien verament mixghul l-incident li sfortunatament sofriet l-attrici kien ikun ferm aktar gravi in vista tal-qawwa li jkun qed idur bih skrun ta' mutur mixghul. Din il-Qorti minn dak li rat fl-atti hija konvinta li verament li kieku l-mutur kien mixghul, l-attrici ma kinitx isoffri merament daqqa f'sieqha izda l-incident kien ikun ferm aktar gravi. Id-daqqa kif anki evidenzjata b'ritratt fl-atti kriminali hija aktar verosimili li saret ma skrun mitfi milli ma' skrun mixghul li f'dak il-kaz kien jibqa jaghfas u jaqta fis-sieq kompletament u mhux jieqaf!

4. Illi l-verzjoni tal-konvenut hija kompletament korroborata minn Joseph Grima li huwa l-persuna indikat bhala *observer* u li kien ukoll fuq id-dghajsa qed jassisti lill-attrici u shabha fil-mument li spiccat ir-*ride* u dawn gew biex jinzlu minn fuq id-dghajsa. Din il-Qorti temmen fil-genwinita' ta' dan ix-xhud anki ghaliex waqt il-kontro-ezami tieghu meta mistoqsi jekk rax fejn qabzet u ghomot l-attrici kien genwin bizzejjed li jghid li dik il-parti huwa ma rahiex ghaliex kien wiccu l-isfel.

5. Illi din il-Qorti ssib ukoll komfort fil-verzjoni tal-konvenut li l-mutur tal-konvenut kien mitfi meta l-attrici laqtet saqajha mal-mutur **minn kliem l-istess l-attrici** mmedjatament wara li sehh l-incident liema kliem tista tghid li bejn wiehed u iehor hemm qbil fuqu bejn il-partijiet ghajr li l-attrici tghid l-konvenut qalilha li lqattek u li l-konvenut isostni li staqsiha jekk laqtitx il-mutur. Fil-fatt fi kwalunkwe kaz jirrizulta lil din il-Qorti li dak il-hin l-attrici ma kkonfrontatx lill-konvenut u staqsiet ghaliex kien irriversja fuqha jew ghalfejn halla l-mutur mixghul bil-periklu li setghet tigi milquta izda kif jghid l-ingliz 'xi shrugged it off' bhala li ma gara xejn. Din il-Qorti hija certa li kieku l-attrici dak il-hin hasset li l-incident sehh b'xi tort tal-attur kien jigi naturali li hija tikkonfrontah u mhux tghidlu li 'ma gara xejn'!.

6. Illi din il-Qorti hija wkoll propensa li temmen aktar il-versjoni tal-konvenut u mhux dik tal-attrici ghaliex fil-mori tal-proceduri rat li l-attrici nqabdet f'certu gideb iehor li ghalkemm ma kienx relatat mal-incident *per se* jrendi x-xhieda taghha mhux kredibbli. Ezempju partikolari huwa fejn hija tixhed b'certu qawwa li kellha tbiddel ix-

xoghol minhabba l-incident ghaliex skond hi hasset li ma kinitx aktar tiflah ghall-istrapazz tal-impjieg li kellha izda aktar tard fl-atti hija tammetti li kienet applikat u ghamlet l-ezamijiet ghall-impjieg il-gdid qabel l-incident u li ghalhekk, gara jew ma garax l-incident xorta wahda kienet ser tbiddel l-impjieg! It-tendenza tal-attrici li tesagera l-konsegwenzi tal-incident giet riflessa wkoll fil-kontro-ezami tar-ragel taghha Godwin Camilleri li gie mgiddeb mill-istess attrici u mid-dokumentazzjoni meta baqa jinsisti li martu zgur ghamlet aktar minn xahar barra mix-xoghol meta rrizulta li dan ma kienx minnu u wkoll imkien ma jsemmi fil-kontro-ezami ghalkemm gie mistoqsi diversi drabi li martu kienet applikat ghall-impjieg il-gdid qabel l-incident!

Ghaldaqstant il-Qorti in vista ta' dak kollu suespost u wara li gharblet sew l-atti kollha, tqis li l-verzjoni korretta dwar kif sehh l-incident hija dik tal-konvenut cioe' li x'hin l-attrici qabzet minn fuq is-sufan il-mutur tad-dghajsa kien mitfi. Ghal xi raguni l-attrici ghomot vicin hafna tal-mutur tad-dghajsa li kien mitfi u laqtet saqajha b'tali mod li ghamlet ticrita. Jibqa ghalhekk il-kwezit jekk il-konvenut ghandux jigi meqjus responsabbli ghall-fatt li l-attrici laqtet saqajha mal-iskrun mitfi tad-dghajsa u sofriet id-debilita' permanenti.

Illi fin-nota tieghu l-konvenut isostni li kien l-obbligu tal-attrici li ggib il-prova sal-grad tal-probabbli rikjest mill-ligi fil-kamp civili li kien minhabba l-agir jew l-ommissjoni tieghu li l-attrici soffriet id-danni u jaghmel referenza ghal gurisprudenza dwar dan il-punt kif isegwi:

'Jinghad fil-kawza **Anthony Ventura noe vs John Vella** deciza fit- 13 ta' Ottubru 2004:

*Kif maghruf, hi norma tal-ligi stabbilita bl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili, li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". Din in-norma certament tikkostitwixxi l-kardini tar-responsabilita` extra-kontrattwali jew akwiljana u tenuncja l-principju in virtu ta' liema l-lezjoni kagjonata tobbliga lill-awtur taghha biex jirrizarcixxi d-danni; Huwa, imbaghad, pacifiku wkoll illi, fl-assenza ta' definizzjoni tal-"kolpa" fil-Kodici Civili, din necessarjament tirriferixxi ghal dak l-event li jsehh b' kawza ta' nuqqas ta' diligenza, imprudenza, u nuqqas tal-hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032(1), Kodici Civili]. "Hu pero`, imprexxindibilment, mehtieg, biex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza". (Kollez. Vol. XLIV P I p 343);*
*Opportunement, ghandu qabel xejn jigi mfakkar illi biex ikun hemm lok ghar-responsabilita` tad-danni hemm bzonn li min jitlobhom jipprova l-att jew l-ommissjoni kolpuza. Fi kliem is-sentenza a Vol. XXIV P I p 893 min jallega li sofra dannu bi htija ta' xi hadd "e` nell' obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insito la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo perche la colpa deve assumere una forma materiale e specifica quando viene imputata ad altri come causa di danni". Dan anke ghaliex hi wkoll ligi espressa li kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss ma jwegibx ghall-hsara li tigri b' dan l-uzu (Artikolu 1030, Kodici Civili);'*

'Jinghad fil-kawza **Biagio Muscat vs Anthony Falzon et** deciza fit- 12 ta' Mejju 2003 li:

*Hi norma kostitwenti l-punt kardinali tar-responsabilita` extra-kontrattwali jew akwiljana, kif inhu dan il-kaz, illi "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara illi tigri bi htija tieghu" (Art 1031 tal-Kap 16). Norma din li tenuncja l-principju in virtu` ta' liema l-lezjoni tad-dritt tobbliga lill-awtur ta' l-istess lezjoni ghar-rizarciment tal-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terzi. Hu kompitu tal-Qorti li mill-indagini u ezami tal-provi akkwiziti tindividwalizza din ir-responsabilita`. Responsabilita` li kapaci tigi determinata jew minn komportament kolpuz jew minn dawk il-kriterji l-ohra li jridu jigu meqjusa ghall-iskop li wiehed jasal biex jakkolla l-incidenza ekonomika tal-fatt dannuz. Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, ddiligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (Art 1032 (1), Kodici Civili). Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibilita` ta' levent dannuz. "Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili" (Kollez Vol XLVIII pI p258).*

*Jidher li l-konvenut kien bniedem ta' esperjenza f'dak ix-xoghol u allura kellu jassigura li l-operat tieghu jsir sew, utilment u b'mod li jiskansa kull dannu ghalih, ghallkommittent li nkarigah u ghat-terzi. Jekk dan ma ghamlux il-konsegwenza logika tkun li hu jbati r-rizultat ta' eghmilu u jirrispondi ghad-danni li jsehhu. Gie, a propozitu, ritenut illi "l-kolpa, fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament, u jonqos li jipprevedi leffett dannuz ta' dak il-fatt, meta seta jipprevedi dak leffett … … . Meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, ir-responsabilita` ta' min jaghmel dak l-att hija assoluta … … . Mhiex difiza tajba kontra din ir-responsabilita`l-allegazzjoni illi min ghamel latt li gieb d-danni kien ilu jaghmlu zmien twil u qatt ma nqala'*

*xejn, u li ghalhekk min ghamel dak l-att ma setghax jissupponi, li fil-kaz partikolari kien ser jinqala' dak li nqala" - "Annunziato D'Amato et –vs- Joseph Camilleri et", Appell Civili, 3 ta' Marzu 1958 a Vol XLII pI p74.'*

Illi dwar il-kwistjoni tar-responsabilita' l-attrici fl-atti tiprova titfa htija fuq il-konvenut anki ghaliex huwa ghazel li jnizzilhom fil-bahar u mhux fuq il-moll. Da parti tieghu l-konvenut spjega li din kienet procedura normali li ssir fiz-zona tal-Blue Lagoon stante li jkollu hafna klijenti minn fuq id-dghajjes il-kbar. Spjega r-raguni ghalfejn sabiex jghabbi jista' jnizzel lin-nies direttament minn fuq id-dghajjes li huma aktar gholjin minn tieghu direttament ghal go tieghu filwaqt li biex jergghu jitilghu dan ikun ferm aktar difficli allura huwa normali li jghidilhom biex jaqbzu l-bahar fil-vicinanza tad-dghajsa taghhom u jghumu sas-sellum. Din il-Qorti ma tara xejn hazin f'din il-procedura u l-konvenut ma ghandux jinstab responsabbli ghall-incident unikament ghaliex juza din is-sistema, liema sistema mill-atti jidher li ilha tigi uzata ghal madwar tmien snin u qatt ma rrizultaw xi incident. In oltre tqis li ma jkunx prattiku li nies li qieghdin bla zarbun jitnizzlu fuq il-moll u jridu jimxu bicca sew fuq l-art sabiex jaslu fuq id-dghajsa taghhom jekk din tkun marbuta mal-art. F'dan il-kaz partikolari ma tressqet l-ebda prova li f'dak il-hin id-dghajsa li fuqha kienet l-attrici kienet marbuta mal-art jew jekk kinitx marbuta f'nofs il-bahar f'liema kaz kien ikun ferm aktar imprattiku li l-konvenut inizzel lill-attrici u shabha fuq l-art.

Illi dwar il-fatt li l-attrici laqtet l-iskrun b'saqajha x'hin dan kien mitfi, din il-Qorti ma tista' tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha talloka xi tort ta' dan lill-konvenut. Jirrizultalha li s-sufan li minn fuqu qabzet l-attrici kien jinsab marbut mal-genb tad-dghajsa tal-konvenut fuq in-naha

tax-xellug tad-dghajsa li kienet qed thares lejn il-moll, cioe' il-gewwa. Jirrizulta wkoll lil din il-Qorti li d-dghajsa li fuqha kienet l-attrici kienet ukoll fuq in-naha tax-xellug tad-dghajsa tal-konvenut. Din il-Qorti ma tistax tifhem ir-raguni ghalfejn l-attrici dehrilha li kellha b'xi mod tghum vicin il-mutur tal-konvenut ghaliex ma kellhiex ghalfejn izda certament ma tista' talloka l-ebda tort lill-konvenut ghall-fatt li f'xi hin l-attrici tant resqet vicin l-iskrun tal-mutur tad-dghajsa li laqtet saqajha. Il-Qorti tqis li l-konvenut ma setax jiehu aktar prekawzjonijiet minn dawk li ha u cioe' billi, tefa l-mutur, nizzel lill-attrici u shabha fuq il-genb tad-dghajsa u anki ghandu 'stickers' appoziti li jwissu lil min qed jghum bil-prezenza tal-iskrun.

Ghaldaqstant il-Qorti in vista ta' dak kollu suespost, ma tqisx li l-konvenut jista' jinzamm responsabbli ghall-incident li soffriet l-attrici nhar l-erbgha (4) ta' Awissu, elfejn u hdax (2011) u ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici.

**Decizjoni:**

Ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta w'tiddeciedi l-kawza odjerna billi tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talbiet kollha attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur